MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2005

Appell Kriminali Numru. 223/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur R. Aquilina)**

**Vs**

**Isabelle Cilia**

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli nhar id-19 ta' Gunju, 2004 fi Triq Mimosa, Hamrun, meta hekk ordnata mill-Qorti Civili skond Digriet numru 1730/2003 datat 12 ta' Novembru, 2003 naqset li taghti access tal-wild Joseph Cilia lir-ragel taghha Robert Cilia.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tad-19 t'Ottubru, 2004, li biha,

wara li rat l-Artikolu 338(ee) tal-Kap. 9 u l-Artikolu 22 tal-kap. 446 tal-ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputata hatja ta' kif akkuzata w illiberata bil-kondizzjoni li ma tikkommettix reat iehor ghall-perjodu ta' tlett (3) xhur.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fid-29 t'Ottubru, 2004, li bih talbet lil din il-Qorti joghgobha thassar u tikkancella s-sentenza appellata in kwantu l-esponenti instabet hatja ta' l-imputazzjoni migjuba kontriha, u minflok tilliberaha minn kull htija w piena.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

Rat illi l-aggravji tal-appellanti fil-qosor jikkonsistu fis-segwenti w cioe' :- illi hija bl-ebda mod ma rrifjutat li tati access tal-wild Joseph Cilia lil zewgha Robert Cilia u ghalhekk ma kisritx l-ordni tal-Qorti ai termini ta' l-Artikolu 338 (ll) tal-Kapitolu 9. Hi kienet hadet lill-minuri ghall-access imma dan irrifjuta li jmur ma missieru bhal ma kien u ghadu jirrifjuta sal-lum. Li s-supervisor stess qatt ma ssuggerixxa lill-appellanti li t-tifel kellu jithalla ghall-access nonostante l-oppozizzjoni tieghu w, konsidrata l-eta' tal-minuri , dan ma ghandux jigi sfurzat li jmur ma missieru w ghalhekk fic-cirkostanzi specjali tal-kaz mhux gust li l-appellanti tinstab hatja ta' din l-akkuza .

**Semghet ix-xhieda mill-gdid fl-udjenza tas-6 ta' Jannar, 2005.**

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Ikkonsidrat ;**

**Illi mix-xhieda ta' Robert Cilia rrizulta li fid-data in kwistjoni, meta l-appellanti hadet liz-zewg uliedha fil-post fejn kellha tikkonsenjhom lil zewgha , qam diverbju bejn il-konjugi Cilia in konnessjoni ma xi ritratti li t-tifel l-iehor kien gab mieghu mid-dar fejn tirrisjedi l-appellanti ma uliedha biex jatihom lil**

**missieru. Meta it-tifel ta r-ritratti lill-missieru , dan qal : “Grazzi, fl-ahhar waslu. “ u kif l-appellanti ndunat li kien tah ir-ritratti bdiet twerzaq u tghajjat, hatfet ir-ritratti, qabdet lil binha Joseph u telqt bih u qasmet it-triq . Skond Robert Cilia dak in-nhar ir-rezistenza ghall-access ma gietx minn-naha tal-minuri Joseph izda mill-appellanti, ghax Joseph dak in-nhar ma ghamel ebda irvell . Dan fis-sustanza hu korroborat ukoll mix-xhieda ta’ James Agius li hu social worker li dak in-nhar kellu jissorvelja l-access.**

**Mark Aaron Galea, li ma kienx prezenti ghall-incident de quo, xehed pero’ li bhala *social worker* involut fil-kaz seta’ jghid li fil-waqt li ma kienx hemm problemi fir-rigward tat-tifel iz-zghir , it-tifel il-kbir Joseph ma jkunx irid imur ma missieru. Peress li l-missier dejjem gab ruhu tajjeb , kienu ddecidew li jwaqqfu s-supervizzjoni tal-access u ma kienx hemm bazi ghala l-access kellu jibqa’ taht *“supervision*” . Ghalkemm l-appellanti kienet tiehdu ghall-access ma kienetx tinkoraggixxi lit-tifel biex imur ma missieru. Meta, ghaliex it-tifel kien qallu “*Ma mmurx ghax il-Mummy toqghod tibki.”* hu darba staqsieha : *“Vera qed toqghod tibki?”* , hi qaltlu li ma tistax tghid li le.**

L-appellanti ma tichadx li kien hemm dan l-incident izda tghid li meta hi daret biex titlaq , it-tifel il-kbir Joseph gie jigri w qabad ma idejha w mhux hi qabditlu idu w telqet tigri bih jew bdiet twerzaq. Qalet li hi dejjem hadithom it-tfal ghall-access u twassalhom sal-bankina imma t-tifel il-kbir Joseph ta’ 10 snin jiggranfa maghha w ma jkunx ririd jitlaq. Hi tkellem lit-tifel u anki hadithu ghand *child psychologist* biex tghinu.

**Illi mill-assjem tal-provi jidher li hemm attrit kbir bejn il-konjugi Cilia, kif ta’ spiss ikun hemm f’sitwazzjonijiet ta’ din ix-xorta fejn il-konjugi jkunu qed jisseparaw jew ghadhom kif isseparaw. Dan jaghti lok ghall-piki kontinwi w fin-nofs umbaghad , kif jigri ta’ spiss, jizfnu t-tfal. F’ dan il-kaz it-tifel il-kbir Joseph Cilia wera li ma jkunx irid imur mall-missier , imma kif stqarret l-istess appellanti mas-social worker , hi gieli**

**toqghod tibki quddiem it-tifel u dan b'lejalta' lejn ommu ma jkunx irid imur. Dan l-agir tal-omm iservi biex tigi manipulata sitwazzjoni ta' konflitt fit-tifel li umbaghad tinducieh biex jirrifjuta li jmur ma missieru. Dan pero' fil-fehma ta' din il-Qorti bl-ebda mod ma jezonera lill-appellanti milli twettaq il-konsenja fizika tal-minuri lil missier u thallih f' idejh, kif giet ordnata li taghmel mill-Qorti kompetenti .**

**Sakemm jimbidel l-ordni tal-Qorti b' Digriet jew sentenza, l-ordni tal-Qorti Civili (Sezzjoni ta' Guridsdizzjoni Volontarja) jrid jigi rispettat u ma jistax jigi evitat biss bl-agir testard ta' tifel ta' ghaxar snin li zgur ma jipprezenta ebda diffikolta' biex jigi konsenjat fizikament – anki okkorrendo kontra r-rieda tieghu - mill-omm lil missier. Altrimenti jigi li dan it-tifel ckejken ikun qed jassumi poteri ta' Qorti ta' appell jew ta' revizjoni biex jibdel hu l-ordni tal-Qorti.**

**Kif gie ritenut fl-Appell Kriminali** "Il-Pulizija vs. Jacqueline Zammit**" [15.5.2003],** ***"Din il-Qorti terga ttenni dak li diga' gie ritenut minnha diversament preseduta w cioe' li l-ordnijiet tal-Qrati jridu jigu osservati skrupolozament u minghajr tfettieq u kavillar zejjed , inkella facilment f'kawzi bhal dawn , fejn ikun hemm element qawwi ta' pika bejn il-mizzewgin dwar kull haga possibbli w immaginabbli , din il-Qorti tigi ridotta f' Qorti ta' appell mid-digrieti tal-Qrati Civili . Ir-rimedju ta' min ikun ihossu aggravat b' xi digriet tal-Qrati Civili kemm dwar alimenti kif ukoll dwar access mhux li jiehu l-ligi b'idejh , imma li jirrikorri lill-istess Qorti li tkun emanat id-digriet jew ordni relattiv u jitlob revoka, varjazzjoni jew aggustament tieghu biex jittiehed kont ta' xi kambjament fis-sitwazzjoni."***

**Fil-kaz in ezami jidher li meta l-appellanti telqet minn hdejn zewgha w qasmet it-triq , ma ghamlet ebda sforz biex tikkonsenja lil binha Joseph lil missieru , forsi ghaliex aktar kienet interessata li tiskorja l-punt dwar ir-ritratti li ttiehdu mid-dar fejn toqghod biex jinghataw lill-missier it-tfal milli biex tosserva l-ordni**

**tal-Qorti li kif irrizulta dak in-nhar ma giex osservat. Kwindi ma kien hemm ebda raguni xierqa biex l-appellanti dak in-nhar irrifjutat li tikkonsenja t-tifel li kien fil-kumpanija w kontroll taghha lil missieru kif ordnata mill-Qorti.**

**Kif tajjeb gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta , meta l-Qorti tigi *"biex tara jekk kienx hemm raguni xierqa u specjalment fil-kamp penali , trid twiezen l-interessi kollha , inkluz l-interess li l-ordnijiet tal-Qorti jigu obduti u mhux injorati fuq kwalsiasi pretest."* (Appell Krim. "**Il-Pulizija vs. Carmen Tabone Reale" **[ 25.7.1994]). U : "*B'raguni xierqa wiehed ghandu jifhem kif del resto gie elaborat fil-gurisprudenza , raguni oggettivament xierqa w mhux biss fil-mohh jew fl-opinjoni tal-parti li ma tippermettix l-acces. Ezempju ta' dan hu xi mard serju tal-minuri li ma jkunx jaghmilha possibbli li dan johrog mid-dar."* (Ara. App. Krim**. "Il-Pulizija vs. Joseph Ebejer**" [19.12.1996] u** "Il-Pulizija vs. Jacqueline Zammit" **[15.5.2003]) .**

Ghalhekk bhala fatt ir-reat jirrizulta pruvat u ma tirrizulta ebda raguni xierqa skond il-ligi biex l-ordni tal-Qorti ma kellux jigi obdut .

**Ghal dawn il-motivi l-appell hu infondat u qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata, b' dan li l-periodu ta' tlitt xhur impost skond l-artikolu 22 tal-Kap.446 jibda' jiddekorri mil-lum.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------